

EBA/GL/2017/14

---

16/02/2018

---

## Linji Gwida

---

dwar is-superviżjoni ta' ferġat  
sinifikanti

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

---

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010<sup>1</sup>. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar Prattiki Superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 16/04/2018. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil [compliance@eba.europa.eu](mailto:compliance@eba.europa.eu) bir-referenza 'EBA/GL/2017/14'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

## 2. Is-suġġett, il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet

---

### Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw kif is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom, fi ħdan il-qafas tal-kulleġġi tas-superviżuri stabbilit jew skont l-Artikolu 116 jew skont l-Artikolu 51(3) tad-Direttiva 2013/36/UE<sup>2</sup>, jikkooperaw biex jissorveljaw u jikkoordinaw l-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom imsemmija fit-Titolu V, Kapitolu 4 u fit-Titolu VII, Kapitoli 1 u 3 tad-Direttiva fit-Titolu II, Taqsima 2 tad-Direttiva 2014/59/UE<sup>3</sup> b'rabta mal-fergħat tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni stabbiliti fi Stat Membru ieħor.

### Indirizzati

6. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010<sup>4</sup>.

### Definizzjonijiet

7. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u ddefiniti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, fid-Direttiva 2013/36/UE jew fid-Direttiva 2014/59/UE għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida.

---

<sup>2</sup> ĠU L 176/338.

<sup>3</sup> ĠU L 173/90.

<sup>4</sup> ĠU L 176/1.

## 3. Implimentazzjoni

---

### Data ta' applikazzjoni

8. Dawn il-linji gwida japplikaw mill-1 ta' Jannar 2018.

### Assistenza fl-applikazzjoni

9. Meta fost l-awtoritajiet kompetenti jkun hemm opinjonijiet kuntrarji dwar kwistjonijiet li jirrelataw ma' dawn il-linji gwida, dawn l-awtoritajiet għandhom ifittxu li jippreżentaw talba lill-EBA, kif imsemmi fl-Artikolu 31(c) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Meta tiġi ppreżentata talba, l-awtoritajiet kompetenti kollha involuti għandhom jipprovdu informazzjoni adegwata lill-EBA, inklużi argumenti li jappoġġjaw il-fehmiet differenti tagħhom, sabiex l-EBA tkun tista' tiffirma opinjoni dwar il-kwistjonijiet ikkontestati; l-awtoritajiet kompetenti kollha involuti għandhom sussegwentement ifittxu li jikkunsidraw l-opinjoni tal-EBA.

## 4. Valutazzjoni tas-sinifikat tal-fergħa u test ta' intensifikazzjoni

---

10. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw u jiddeterminaw, f'konformità mal-proċess u l-kriterji speċifikati f'din it-taqsim, jekk fergħa li tkun ġiet identifikata bħala sinifikanti skont l-Artikolu 51 tad-Direttiva 2013/36/UE tissodisfax ukoll it-test ta' intensifikazzjoni.
11. Meta, f'kulleġġ tas-superviżuri msemmi fl-Artikolu 116 tad-Direttiva 2013/36/UE, is-superviżur konsolidanti u l-awtorità kompetenti tad-domiċilju ta' fergħa partikolari jkunu differenti, dawn għandhom jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib abbażi tat-Taqsim 5.8 sabiex jiżguraw li l-fergħa tiġi sorveljata f'konformità ma' dawn il-linji gwida.

### 4.1 Sinifikat tal-fergħa u mmappjar: valutazzjoni u aġġornamenti tal-bidu

12. Mingħajr preġudizzju għall-istipulazzjonijiet tal-Artikolu 51 tad-Direttiva 2013/36/UE, is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom, fil-kuntest tal-immappjar tal-istituzzjoni jew tal-grupp imwettaq f'konformità mal-Artikoli 2 u 23 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/98 u l-Artikoli 2 u 17 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/99, iwettqu l-valutazzjoni tagħhom stess tal-importanza ta' fergħa partikolari għal dik l-istituzzjoni jew dak il-grupp partikolari abbażi tal-kriterji msemmija fil-paragrafi 28-31.
13. Is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom iniżżlu l-valutazzjoni tagħhom tal-importanza tal-fergħa għall-istituzzjoni jew għall-grupp fil-qasam rilevanti tal-mudell tal-immappjar imsemmi fl-Artikoli 2 u 17 u l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/99.
14. Fejn is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju jkunu ddeterminaw, abbażi tal-valutazzjoni tagħhom, li fergħa hija importanti għall-istituzzjoni jew għall-grupp, dawn għandhom jikkomunikaw il-fehma tagħhom lill-awtorità kompetenti ospitanti, indipendentement jew fil-proċess ta' finalizzazzjoni tal-immappjar tal-istituzzjoni jew tal-grupp f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/99, u jistiednu lil dik l-awtorità tqis l-applikazzjoni tal-proċess imsemmi fl-Artikolu 51 tad-Direttiva 2013/36/UE biex tiddetermina lil dik il-fergħa bħala sinifikanti.
15. Fejn is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju jkunu kkomunikaw lill-awtorità kompetenti ospitanti li huma jqisu l-fergħa bħala importanti għall-istituzzjoni jew għall-grupp, l-awtorità kompetenti ospitanti għandha tqis jekk tapplikax il-proċess stabbilit fl-

Artikolu 51 tad-Direttiva 2013/36/UE u tipprovdi, indipendentement jew fil-kuntest tal-fehmiet jew tal-kummenti tagħha dwar l-immappjar tal-istituzzjoni jew tal-grupp imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/99, lis-superviżur konsolidanti jew lill-awtorità kompetenti tad-domiċilju bil-fehmiet tagħha.

16. Is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom jivvalutaw l-importanza ta' fergħa partikolari għall-istituzzjoni jew għall-grupp fuq bażi perjodika u mill-inqas waqt kull aġġornament tal-immappjar tal-istituzzjoni jew tal-grupp imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/99. L-awtorità kompetenti ospitanti għandha tiżgura monitoraġġ kontinwu tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 51 tad-Direttiva 2013/36/KE għall-fergħat stabbiliti fil-kompetenza superviżorja tagħha.
17. Fejn is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju jqisu l-fergħa bħala importanti għall-istituzzjoni jew għall-grupp, iżda l-awtorità kompetenti ospitanti ma tqisx li din hija sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 51 tad-Direttiva 2013/36/KE, is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju madankollu għandhom jistiednu lill-awtorità kompetenti ospitanti biex tipparteċipa fil-kulleġġ tas-superviżuri f'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/98 u l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/99.
18. Wara li l-fergħa tkun ġiet indikata bħala sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 51 tad-Direttiva 2013/36/UE, is-superviżur konsolidanti u l-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jaġġornaw l-immappjar tal-istituzzjoni jew tal-grupp. B'mod partikolari, fl-immappjar tal-istituzzjoni jew tal-grupp għandu jiġi nnotat jekk l-awtorità kompetenti ospitanti tipparteċipax fil-kulleġġ rilevanti bħala membru (fergħa sinifikanti) jew bħala osservatur (fergħa mhux sinifikanti), kif previst fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/98, u l-lista tal-membri u tal-osservaturi tal-kulleġġ għandha tiġi aġġornata kif xieraq.

## 4.2 Test ta' intensifikazzjoni superviżorju għal fergħat sinifikanti

### 4.2.1 Il-proċess tat-test ta' intensifikazzjoni

19. Is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom jikkooperaw abbażi tal-paragrafi li ġejjin u jfittxu li jwettqu valutazzjoni komuni u jaslu għal konklużjoni komuni dwar jekk fergħa li tkun ġiet iddeterminata bħala sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 51 tad-Direttiva 2013/36/UE tissodisfax ukoll it-test ta' intensifikazzjoni u għalhekk għandha titqies bħala fergħa "sinifikanti ħafna" għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida u tkun soġġetta għal superviżjoni intensifikata msemmija fit-Taqsima 5. Din il-konklużjoni komuni għandha tiġi kkomunikata lill-istituzzjoni u lill-istituzzjoni prinċipali tal-UE mis-superviżur konsolidanti u l-awtorità kompetenti tad-domiċilju.

20. Is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom jaqblu dwar l-iskeda ta' żmien u l-proċess għat-tweqqif tat-test ta' intensifikazzjoni, u dwar it-tnejn tal-konklużjoni komuni dwar jekk dan it-test huwiex issodisfat.
21. Is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom ifittxu li jwettqu l-valutazzjoni komuni tagħhom dwar jekk il-kundizzjonijiet tat-test ta' intensifikazzjoni humiex issodisfati bl-użu ta' informazzjoni diġà disponibbli minn COREP u minn FINREP, kif ukoll informazzjoni oħra diġà disponibbli miġbura mill-istituzzjoni, inkluż mill-ICAAP jew mill-ILAAP tal-istituzzjoni jew tal-grupp. Għal dak il-għan u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 28 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/98, is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom jiskambjaw ukoll fil-qafas tal-kulleġġ kwalunkwe informazzjoni ulterjuri neċessarja.
22. Meta fost l-awtoritajiet ikun hemm opinjonijiet kuntrarji dwar l-eżitu tat-test ta' intensifikazzjoni u tiġi evitata konklużjoni komuni, l-awtoritajiet għandhom jippreżentaw talba lill-EBA kif imsemmi fl-Artikolu 31(c) tar-Regolament tal-EBA flimkien mal-informazzjoni kollha neċessarja għall-EBA biex tiffirma opinjoni dwar il-kwistjonijiet ikkontestati u tassisti lill-awtoritajiet biex jaslu għal konklużjoni komuni. L-awtoritajiet kompetenti kollha involuti għandhom iqisu l-opinjoni tal-EBA u jsolvu l-kwistjoni kif xieraq.
23. Is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom jiżguraw li fergħa li tissodisfa t-test ta' intensifikazzjoni tiġi nnotata kif xieraq fl-immappjar tal-istituzzjoni jew tal-grupp u li l-informazzjoni tiġi kkomunikata lill-kulleġġ superviżorju kif xieraq.
24. Is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom jirrevedu l-konklużjoni komuni tagħhom dwar l-eżitu tat-test ta' intensifikazzjoni mill-inqas kull sena u jaġġornawha. Għar-reviżjoni u l-aġġornament, japplikaw il-paragrafi 20-23 u t-Taqsima 4.2.2.
25. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li fergħa li ma tibqax tissodisfa t-test ta' intensifikazzjoni tibqa' fergħa sinifikanti għall-finijiet tal-Artikolu 51 tad-Direttiva 2013/36/UE sakemm ma tiġix ivvalutata mill-ġdid mod ieħor skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, peress li l-proċeduri ta' valutazzjoni jibqgħu separati.

#### **4.2.2 Kriterji għat-test ta' intensifikazzjoni**

26. Is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom iwettqu t-test ta' intensifikazzjoni fid-dawl tad-daqs, il-kamp ta' applikazzjoni, in-natura u l-importanza sistematika tal-attivitajiet tal-fergħa fl-Istat Membru ospitanti u fid-dawl tas-sinifikat tagħha għall-istituzzjoni jew għall-grupp.
27. Is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom iqisu li fergħa sinifikanti għandha tiġi vvalutata ulterjorment biss jekk dik il-fergħa tipprovdi

funzjonijiet kritiċi fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2014/59/UE fuq il-bażi tal-informazzjoni mill-irkupru (tal-grupp) jew mill-pjan ta' riżoluzzjoni (tal-grupp), fl-oqsma li ġejjin:

- a. operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur;
- b. servizzi bankarji korporattivi;
- c. pagamenti, ikklerjar, saldu;
- d. kustodja;
- e. sistema intrafinanzjarja ta' għoti u teħid b'self; jew
- f. bank tal-investment.

28. Is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom iqisu jekk fergħa sinifikanti li tipprovdi funzjonijiet kritiċi tissodisfax ukoll il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- a. il-fergħa hija importanti għall-istituzzjoni jew għall-grupp; jew
- b. il-fergħa hi ta' importanza sinifikanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Istat Membru ospitanti.

29. Fergħa sinifikanti li tipprovdi funzjonijiet kritiċi għandha titqies bħala importanti għall-istituzzjoni jew għall-grupp meta l-fergħa tissodisfa kundizzjoni waħda jew aktar imsemmija fl-Artikolu 7(2)(a)-(e) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1075 jew għall-istituzzjoni jew għall-grupp.

30. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu wkoll fergħa sinifikanti li hija importanti għall-istituzzjoni jew għall-grupp meta, fuq il-bażi ta' kwalunkwe informazzjoni sottomessa mill-istituzzjoni jew mill-impriża omm tal-UE inkluż għall-finijiet tal-ICAAP, ILAAP, il-pjan ta' rkupru jew kwalunkwe ppjanar ieħor, il-fergħa tkun ġiet riferuta bħala importanti, għall-istituzzjoni jew għall-grupp.

31. Għall-finijiet tal-valutazzjoni ta' jekk fergħa sinifikanti li tipprovdi funzjonijiet kritiċi għandhiex titqies ta' importanza sinifikanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Istat Membru ospitanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu jekk il-fergħa tissodisfax kwalunkwe wieħed mill-kriterji li ġejjin:

- a. is-sehem tas-suq tal-fergħa f'termini ta' depożiti jaqbeż l-4 % fl-Istat Membru ospitanti;
- b. l-assi totali tal-fergħa (assi assoċjati mal-fergħa) jiformaw parti sinifikanti tal-PDG tal-Istat Membru ospitanti (jiġifieri huma akbar minn 4 % tal-PDG);



- c. l-assi totali tal-fergħa (assi assoċjati mal-fergħa) jiformaw parti sinifikanti tal-assi totali tas-sistema bankarja tal-Istat Membru ospitanti (jiġifieri huma akbar minn 4 % tal-assi totali tas-sistema bankarja tal-Istat Membru ospitanti); jew
- d. il-fergħa tista' titqies bħala sistematikament importanti għal raġunijiet simili ta' istituzzjonijiet oħrajn sistematikament importanti (O-SII) abbażi tal-valutazzjoni speċifikata fil-linji gwida tal-EBA<sup>5</sup> meta jiġu applikati għal data speċifika għall-fergħa, meta dawn ikunu disponibbli. Minħabba l-firxa tal-integrazzjoni tal-fergħat u l-appoġġ riċevut mill-istituzzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jqisu wkoll l-istabbiliment ta' livelli limitu oġhla għall-punteġġ O-SII bl-għan li jidentifikaw il-fergħat li jissodisfaw it-test ta' intensifikazzjoni.

---

<sup>5</sup> Il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-kriterji biex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 131(3) tad-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward tal-valutazzjoni ta' istituzzjonijiet oħrajn sistemikament importanti (EBA/GL/2014/10).

## 5. Superviżjoni kontinwa ta' ferġat sinifikanti ħafna

---

32. Is-superviżjoni kontinwa tal-ferġat li jissodisfaw it-test ta' intensifikazzjoni (ferġat sinifikanti ħafna) għandha tiġi organizzata u mwettqa f'konformità mal-kompiti u r-responsabbiltajiet tas-superviżur konsolidanti u tal-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti msemmija fid-Direttiva 2013/36/UE u fid-Direttiva 2014/59/UE u fid-dawl tat-Taqsimiet 5.1 sa 5.8 ta' dawn il-linji gwida.
33. Is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom ifittxu li jiżguraw li l-kuntest operazzjonali tal-kulleġġ jippermetti bis-sħiħ is-superviżjoni tal-ferġat sinifikanti ħafna skont dawn il-linji gwida.

### 5.1 Valutazzjoni tar-riskju tal-ferġa

34. Is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom jiżguraw li l-ferġa sinifikanti ħafna hija soġġetta għal valutazzjoni superviżorja effettiva u effiċjenti skont il-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji (SREP) applikat lill-istituzzjonijiet u lill-grupp skont l-Artikolu 97 tad-Direttiva 2013/36/UE u l-Linji Gwida dwar proċeduri u metodoloġiji komuni għall-SREP<sup>6</sup> tal-EBA. B'mod partikolari, is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom jiżguraw li r-rapport dwar il-valutazzjoni tar-riskju ta' grupp jew ir-rapport tal-SREP ta' istituzzjoni msemmija fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 710/2014 jinkludu referenza distinta u notevoli għall-valutazzjoni superviżorja ta' kwalunkwe ferġa sinifikanti ħafna, inkluża valutazzjoni tar-riskji materjali li l-ferġa hija jew tista' tkun esposta għalihom, il-mudell tan-negozju jew l-istrateġija tal-ferġa, u r-riskji li l-ferġa tippreżenta għas-sistema finanzjarja fl-Istat Membru ospitanti (il-valutazzjoni tar-riskju tal-ferġa).
35. Din il-valutazzjoni tar-riskju tal-ferġa għandha tiġi inkluża bħala anness għar-rapport dwar il-valutazzjoni tar-riskju ta' grupp jew ir-rapport tal-SREP għall-istituzzjoni.
36. L-istituzzjonijiet jew il-ferġat sinifikanti ħafna ma għandhomx ikunu meħtieġa jħejju informazzjoni ICAAP jew ILAAP speċifika għall-ferġa. Is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom jiżguraw li l-informazzjoni ICAAP u ILAAP tal-istituzzjoni miġbura skont il-Linji Gwida dwar l-informazzjoni ICAAP u ILAAP miġbura għall-finijiet tal-SREP<sup>7</sup> tal-EBA tkopri kif xieraq il-ferġat sinifikanti ħafna u tirrifletti b'mod adegwat l-iskoperturi għar-

---

<sup>6</sup> EBA/GL/2014/13.

<sup>7</sup> EBA/GL/2016/10.

riskji tagħhom, kif ukoll il-kapital u l-likwidità allokatu biex ikopru dawn ir-riskji. Għal dak il-għan, is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom jiżguraw li istituzzjoni, li ferġha minnha tkun issodisfat it-test ta' intensifikazzjoni tingħata, wara l-komunikazzjoni tal-konklużjoni komuni tal-awtoritajiet, biżżejjed ħin biex tħejji tali informazzjoni speċifika għall-ferġha.

37. Is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom jiżguraw li l-valutazzjoni tar-riskju tal-ferġha tirrifletti l-valutazzjoni tal-elementi kollha tal-SREP li huma rilevanti għall-ferġha. Għal dak il-għan, il-valutazzjoni tar-riskju tal-ferġha ma għandhiex tinkludi valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital, peress li din mhijiex rilevanti fil-livell tal-ferġha; madankollu, il-valutazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital intern u tal-allokkazzjoni tal-likwidità għall-iskoperturi għar-riskji meħuda mill-istituzzjoni permezz tal-ferġha sinifikanti ħafna mħejjija fuq il-bażi tal-informazzjoni ICAAP u ILAAP tal-grupp jew tal-istituzzjoni, peress li din tista' titqies rilevanti għall-ferġha. Bħala minimu, il-valutazzjoni tar-riskju tal-ferġha għandha tinkludi l-eżiti ta' valutazzjoni tal-elementi li ġejjin:
- a. mudell tan-negozju u strateġija speċifika għall-ferġha u r-rwol/l-pożizzjoni tagħha fi ħdan il-mudell tan-negozju u l-istrateġija ta' istituzzjoni;
  - b. governanza speċifika għall-ferġha, kontrolli tal-ġesjoni tar-riskju, u l-limitu sa fejn il-ferġha tiġi integrata fil-governanza interna u fil-kontrolli fl-istituzzjoni kollha tal-istituzzjoni;
  - c. ir-riskji materjali għall-kapital, il-likwidità u l-finanzjament li l-ferġha hija jew tista' tkun esposta għalihom, kif speċifikat fil-*Linji Gwida dwar proċeduri u metodoloġiji komuni għall-SREP* tal-EBA, u kwalunkwe riskju għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni li jirriżulta jew jista' jirriżulta mir-riskji meħuda mill-istituzzjoni permezz tal-ferġha sinifikanti ħafna;
  - d. ir-riskju li l-ferġha tista' toħloq għas-sistema finanzjarja tal-Istat Membru ospitanti;
  - e. l-ambjent makroekonomiku li fih topera l-ferġha.
38. Minbarra dawn, il-valutazzjoni tar-riskju tal-ferġha għandha tipprovdi ħarsa ġenerali ta' kwalunkwe sejba ta' spezzjonijiet fuq il-post u verifiki fuq il-post imwettqa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju jew ospitanti rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskju tal-istituzzjoni jew għas-sistema finanzjarja fl-Istat Membru ospitanti.
39. Waqt it-tħejjija l-valutazzjoni tar-riskju tal-ferġha, is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom jiżguraw li jkunu akkwistaw u kkunsidraw debitament il-kontribut xieraq mill-awtorità kompetenti ospitanti. L-awtorità kompetenti ospitanti għandha, bħala minimu, tipprovdi l-kontribut li ġej:

- a. informazzjoni dwar u valutazzjoni tal-mudell tan-negozju u l-istrateġija speċifiċi għall-fergħa fil-kuntest tal-ambjent operattiv tal-Istat Membru ospitanti;
  - b. informazzjoni dwar u valutazzjoni tar-riskji li l-fergħa tista' toħloq għall-istabbiltà finanzjarja tal-Istat Membru ospitanti;
  - c. deskrizzjoni u valutazzjoni tar-riskju ta' kondotta u informazzjoni dwar kwalunkwe avveniment ta' riskju ta' kondotta għall-operazzjonijiet tal-fergħa;
  - d. deskrizzjoni u valutazzjoni tal-ambjent makroekonomiku li fih topera l-fergħa.
40. L-awtorità kompetenti ospitanti għandha tipprovdi l-kontribut speċifikat fil-paragrafu t'hawn fuq abbażi tal-informazzjoni li jkollha disponibbli, inkluż minn:
- a. ir-rapportar dwar l-istabbiltà statistika u finanzjarja msemmi fl-Artikoli 40 u 52 tad-Direttiva 2013/36/UE;
  - b. kwalunkwe verifika u spezzjoni tal-fergħa fuq il-post skont it-Taqsima 5.3;
  - c. informazzjoni riċevuta mis-superviżur konsolidanti jew mill-awtorità kompetenti tad-domiċilju skont it-Taqsima 5.4;
  - d. informazzjoni minn kwalunkwe laqgħa mal-maniġment tal-fergħa skont it-Taqsima 5.6; u
  - e. kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti.
41. Is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom jikkoordinaw il-ħin tal-iżvilupp tal-valutazzjoni tar-riskju tal-fergħa biex jirrifletti l-ħin tat-tnejjija tar-rapporti tal-valutazzjoni tar-riskju tal-grupp jew tal-SREP (jiġifieri ċ-ċiklu SREP). Fejn rilevanti, tali koordinazzjoni għandha titwettaq fi ħdan il-qafas tal-kulleġġ tas-superviżuri u tkun riflessa fil-programm ta' eżami superviżorju tal-kulleġġ (SEP tal-kulleġġ) u fl-iskeda ta' żmien biex tintlaħaq deċiżjoni konġunta dwar ir-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi għall-istituzzjoni skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 710/2014.

## 5.2 Koordinazzjoni tal-attivitajiet u l-programm ta' eżami superviżorju

42. L-SEP tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 11 u fl-Artikolu 20 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/99 għandu, fil-każ ta' fergħa sinifikanti ħafna, iqis l-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju ta' dik il-fergħa mwettqa skont it-Taqsima 5.1.

43. Meta l-valutazzjoni tar-riskju tal-fergħa tkun identifikat riskji sinifikanti għall-kapital, il-likwidità u l-finanzjament li l-fergħa hija jew tista' tkun esposta għal, u/jew riskji għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni li jirriżultaw mill-fergħa, inkluż mill-governanza u l-kontrolli tar-riskju tal-fergħa, il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni għandhom jagħtu informazzjoni dwar l-attivitajiet superviżorji ppjanati mis-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet tad-domiċilju u ospitanti li għandhom jiġu nnotati fl-SEP tal-kulleġġ.
44. Filwaqt li jiżviluppaw l-SEP tal-kulleġġ, is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom jiddiskutu l-allokazzjoni tax-xogħol u d-diviżjoni tal-kompiti għat-tweqqif tal-attivitajiet superviżorji ppjanati dwar il-fergħa sinifikanti ħafna u għandhom jespjoraw l-oportunitajiet għal uħud minn dawn l-attivitajiet li għandhom jitwettqu b'mod konġunt mill-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti.
45. Sabiex tiġi evitata duplikazzjoni tal-kompiti superviżorji u duplikazzjoni tat-talbiet ta' informazzjoni għall-istituzzjoni sorveljata dwar il-fergħa sinifikanti ħafna, meta jiżviluppaw l-SEP tal-kulleġġ, l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom iqisu l-allokazzjoni xierqa tal-kompiti, kif speċifikat fit-Taqsima 5.8.

### 5.3 Il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post ta' ferġat sinifikanti ħafna

46. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 52 tad-Direttiva 2013/36/UE, il-verifiki u l-ispezzjonijiet tal-fergħat fuq il-post, sal-punt li dawn jiġu ppjanati bil-quddiem, għandhom jiġu inklużi fl-SEP tal-kulleġġ żviluppat skont l-Artikoli 16 u 31 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/98.
47. Sabiex jiġi żgurat li s-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti jkollhom ħarsa ġenerali tal-verifiki u l-ispezzjonijiet tal-fergħat fuq il-post ippjanati, anke dawk li ma jitwettqux fuq bażi konġunta, u sabiex tiġi evitata duplikazzjoni mhux meħtieġa tal-isforzi u t-talbiet superviżorji lill-istituzzjonijiet, l-SEP tal-kulleġġ għandu, sa fejn ikun prattiku, jinkludi informazzjoni dwar l-attivitajiet kollha bħal dawn organizzati mill-awtorità kompetenti tad-domiċilju jew minn dik ospitanti, u l-kamp ta' applikazzjoni, il-ħin u r-riżorsi ppjanati tagħhom.
48. Meta s-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju jew ospitanti jiddeċiedu dwar il-ħin tal-attivitajiet imwettqa b'mod konġunt, l-awtorità li tibda u li torganizza l-attivitajiet għandha tqis kif xieraq il-ħtiġijiet tal-awtoritajiet parteċipanti f'termini tar-riżorsi u ċ-ċikli superviżorji, u b'mod partikolari ċ-ċiklu SREP.
49. Verifiki u spezzjonijiet fuq il-post f'fergħa li ma ġewx ippjanati oriġinarjament iżda li jinbdeu matul is-sena għandhom jiġu kkomunikati minn awtorità għall-oħra mingħajr dewmien żejjed, u jiġu riflessi kif xieraq fl-SEP tal-kulleġġ aġġornat.

50. Is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom jiżguraw li l-għadd ta' verifiki u spezzjonijiet fuq il-post għal ferġat sinifikanti ħafna fuq bażi annwali huwa ogħla minn tipi oħra ta' ferġat.
51. Awtorità kompetenti li tibda verifika jew spezzjoni fuq il-post (l-inizjatur) f'ferġa sinifikanti ħafna għandha tapplika l-proċess li ġej:
- a. L-inizjatur għandu jstieden lill-awtorità l-oħra biex tipparteċipa fit-twettiq tal-attività filwaqt li jiżgura li d-deċiżjoni dwar l-attività tkun ittieħdet fi żmien raġonevoli u b'hekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jorganizzaw il-parteċipazzjoni tagħhom (ġeneralment sitt ġimgħat qabel il-bidu tal-attività fil-każ ta' attività ppjanata minn qabel, iżda notifika iqsar tista' tkun biżżejjed fil-każ ta' attività straordinarja). Meta jagħmel dan, l-inizjatur għandu jinforma lill-awtorità mistiedna dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-attività sabiex din tkun tista' tiegħu deċiżjoni informata.
  - b. L-awtorità li tirċievi l-istedina għandha tikkonferma l-parteċipazzjoni tagħha mingħajr dewmien żejjed, u mhux aktar tard minn ġimgħa mill-wasla tal-istedina msemmija fil-punt (a), sakemm il-verifika jew l-ispezzjoni fuq il-post ma tkunx ta' natura urġenti, f'liema każ l-awtorità li tirċievi l-istedina għandha tikkonferma l-parteċipazzjoni tagħha fi żmien raġonevoli stabbilit mill-awtorità l-oħra, fid-dawl ta' ċirkostanzi partikolari li jitolbu verifika jew spezzjoni fuq il-post.
  - c. Meta l-awtorità li tirċievi l-istedina tiddeċiedi li tipparteċipa fl-attività:
    - i. L-inizjatur għandu, sa fejn ikun possibbli, jiskeda l-attività, inkluż il-ħin tal-laqqgħat organizzati fit-twettiq tal-attività, b'kunsiderazzjoni xierqa għad-disponibbiltà tal-awtorità parteċipanti;
    - ii. L-inizjatur għandu jiżgura li l-informazzjoni rilevanti għat-twettiq tal-attività tkun disponibbli għall-awtorità parteċipanti, soġġett għal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru fejn titwettaq il-verifika jew l-ispezzjoni;
    - iii. L-inizjatur għandu jabbozza rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tal-verifika jew l-ispezzjoni fuq il-post u għandu jippermetti żmien raġonevoli biex l-awtorità parteċipanti tkun tista' tikkummenta f'perjodu ta' żmien speċifikat sabiex ir-rapport ikun jista' jiġi ffinalizzat f'waqtu;
    - iv. L-awtoritajiet parteċipanti fl-attività għandhom jagħmlu hilitom biex jilħqu ftehim dwar ir-rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tal-verifika jew l-ispezzjoni fuq il-post qabel ma jikkomunikaw ir-rapport lill-istituzzjoni u, fejn xieraq u f'konformità mal-proċeduri amministrattivi, lill-ferġa;

- v. Iadarba l-awtoritajiet li jkunu qegħdin jipparteċipaw fl-attività jiffinalizzaw ir-rapport, is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom jikkomunikawh lill-istituzzjoni jew lill-grupp u, fejn xieraq u f'konformità mal-proċeduri amministrattivi, l-awtorità kompetenti ospitanti għandha tikkomunikah lill-maniġment tal-fergħa;
  - vi. meta l-awtoritajiet li jipparteċipaw fl-attività jonqsu milli jilħqu ftehim dwar ir-rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tal-verifika jew l-ispezzjoni fuq il-post, l-awtorità li tibda jew torganizza l-attività tibqa' responsabbli biex tiffinalizza r-rapport u l-komunikazzjoni tiegħu lill-istituzzjoni jew lill-maniġment tal-fergħa.
- d. Meta l-awtorità li tirċievi l-istedina tiddeċiedi li ma tipparteċipax fl-attività, l-inizjatur għandu jabbazza r-rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tal-verifika jew l-ispezzjoni fuq il-post u jinforma lis-superviżur konsolidanti u lill-awtorità kompetenti tad-domiċilju jew ospitanti dwar is-sejbiet finali kif ikkomunikati lill-istituzzjoni u lill-fergħa. Meta verifika jew spezzjoni fuq il-post ta' fergħa titwettaq mill-awtorità kompetenti ospitanti, u s-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju jiddeċiedu li ma jipparteċipawx fl-attività, l-awtorità kompetenti ospitanti għandha tinforma lis-superviżur konsolidanti u lill-awtorità kompetenti tad-domiċilju dwar is-sejbiet qabel ma tikkomunikahom lill-fergħa.
52. Is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom jistiednu lill-awtorità kompetenti ospitanti biex tipparteċipa fil-verifiki jew l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa f'istituzzjoni meta tali attivitajiet ikunu rilevanti għal fergħat sinifikanti ħafna (b'mod partikolari, dan għandu jinkludi laqgħat mal-maniġment tal-grupp jew tal-istituzzjoni dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw tali fergħat, ara wkoll it-Taqsima 5.6).

## 5.4 Informazzjoni meħtieġa għas-superviżjoni ta' fergħat sinifikanti ħafna

53. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 524/2014 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 620/2014, is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti involuti fis-superviżjoni ta' fergħat sinifikanti ħafna għandhom jiżguraw li jaqsmu, billi jagħmlu disponibbli fuq l-inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba, l-informazzjoni kollha li tappartjeni għall-grupp, għall-istituzzjoni jew għall-fergħa li hija adegwata, preċiża u rilevanti għas-superviżjoni effettiva u effiċjenti tal-fergħa kif stabbilit f'dawn il-linji gwida.
54. Meta jivvalutaw ir-rilevanza ta' biċċa jew sett ta' informazzjoni, is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom, b'mod proporzjonat u fuq bażi ta' riskju, ifittxu li jantiċipaw l-impatt ta' tali informazzjoni dwar dan li ġej:

- a. l-attivitajiet tal-fergħa;
  - b. il-governanza u l-organizzazzjoni tal-fergħa, l-istituzzjoni jew il-grupp kollu kemm hu;
  - c. l-impatt potenzjali fuq l-istabbiltà finanzjarja ta' kwalunkwe Stat Membru, inkluż dak fejn topera l-fergħa;
  - d. ir-rilevanza potenzjali tal-informazzjoni għad-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti ospitanti dwar l-impożizzjoni tal-kundizzjonijiet ġenerali tajbin b'rabta mal-fergħa, l-attivitajiet fl-Istat Membru ospitanti; u
  - e. l-impatt potenzjali tar-riskji meħuda mill-istituzzjoni permezz tal-fergħa sinifikanti ħafna fuq l-istituzzjoni u l-vijabbiltà tagħha.
55. Is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 524/2014 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 620/2014, jiżguraw li jikkondividu mill-inqas, b'mod proporzjonat u xieraq, informazzjoni adegwata dwar il-punti li ġejjin:
- a. rapporti tal-awditjar intern u, fejn disponibbli, awditjar estern u r-rapporti tar-riskju intern tal-istituzzjoni li jiffokaw fuq il-pożizzjoni tal-fergħa fl-istituzzjoni u fuq ir-riskji meħuda mill-istituzzjoni permezz tal-fergħa sinifikanti ħafna;
  - b. ir-rapporti tal-likwidità mill-istituzzjoni miġbura skont l-Artikolu 415 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
  - c. kwalunkwe informazzjoni rilevanti li l-awtorità kompetenti tad-domiċilju jew dik ospitanti tkun akkwistat mill-istituzzjoni waqt li kienet qiegħda tiżviluppa l-valutazzjoni tar-riskju tal-fergħa skont it-Taqsima 5.1 ta' dawn il-linji gwida;
  - d. rapporti li jiġbru fil-qosor is-sejbiet tal-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post tal-fergħa mwettqa mis-superviżur konsolidanti jew mill-awtorità kompetenti tad-domiċilju jew ospitanti skont it-Taqsima 5.3 ta' dawn il-linji gwida, li jiffokaw fuq il-pożizzjoni tal-fergħa fi ħdan il-grupp u fuq ir-riskji meħuda mill-istituzzjoni permezz tal-fergħa sinifikanti ħafna;
  - e. informazzjoni dwar miżuri superviżorji speċifiċi għall-fergħa jew miżuri oħrajn meħuda jew ippjanati mis-superviżuri konsolidanti jew mill-awtorità kompetenti tad-domiċilju (ara wkoll it-Taqsima 5.5);



- f. kwalunkwe miżura prekawzjonarja meħuda mill-awtorità kompetenti ospitanti abbażi tal-Artikolu 43 tad-Direttiva 2013/36/UE u miżuri meħuda abbażi tal-Artikolu 50(4) ta' dik id-Direttiva (ara wkoll it-Taqsima 5.5);
  - g. informazzjoni dwar bidliet ewlenin li ġejjin li jaffettwaw il-fergħa, bħal bidliet fis-sistema tal-IT jew mudell tan-negozju tal-istituzzjoni, u kwalunkwe arranġament ta' kontinwità u kontinġenza rilevanti tan-negozju;
  - h. informazzjoni dwar avvenimenti operazzjonali, inkluż kwalunkwe difett jew tfixkil sostanzjali fis-servizzi pprovduti lill-klijenti, fis-servizzi ta' pagament jew fis-sistemi tal-IT sa fejn huma rilevanti għall-fergħa, inklużi attacchi u theddid ċibernetiċi jew għas-sigurtà tal-informazzjoni, kif ukoll tfixkil jew difetti li jagħmlu ħsara jew jipperikolaw il-kapaċità tal-fergħa milli tkompli l-attivitajiet kummerċjali tagħha jew milli tissodisfa l-obbligi tagħha bħala fornitur tas-sistemi ta' pagament u tas-servizzi ta' pagament.
  - i. informazzjoni dwar strateġiji jew pjanijiet ta' negozju li jirrelataw mal-operazzjonijiet futuri tal-fergħa, inklużi iżda mhux limitati għal kwalunkwe offerta ta' prodotti jew servizzi ġodda sinifikanti mhux koperti mill-Artikolu 39 tad-Direttiva 2013/36/UE;
  - j. dokumentazzjoni li ġejja mill-applikazzjoni tal-Artikoli 143, 151(4) u (9), 283, 312 u 363 tar-Regolament (EU) No 575/2013;
  - k. informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-pjan ta' rkupru tal-grupp jew tal-pjan tal-istituzzjoni.
56. Tali informazzjoni għandha tiġi skambjata f'ħin opportun u f'forma bil-miktub jew elettronika, kemm jista' jkun bl-użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni sikuri, li jkollhom l-għan li jiffaċilitaw it-twettiq tal-kompiti superviżorji rilevanti b'mod effiċjenti u effettiv.
57. F'sitwazzjonijiet ta' stress ta' likwidità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lil xulxin skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 524/2014 u wara l-proċedura stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 620/2014, u, fl-għoti ta' informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 17(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 524/2014, għandhom jispjegaw l-impatt mistenni tal-istress tal-likwidità tal-istituzzjoni u jipprovdu l-aktar proporzjonijiet tal-likwidità reċenti disponibbli fil-munita domestika tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-istituzzjoni u fil-munita l-oħrajn kollha li huma materjali għall-istituzzjoni.

## 5.5 Applikazzjoni ta' miżuri u sanzjonijiet superviżorji

58. Is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom japplikaw miżuri superviżorji kif previst fl-Artikoli 104 u 105 tad-Direttiva 2013/36/UE għall-istituzzjoni abbażi tas-sejbiet SREP u s-sejbiet speċifiċi tal-valutazzjoni tar-riskju tal-fergħa meta jiġu applikati miżuri b'rabta mar-riskji meħuda mill-istituzzjoni permezz ta' fergħa sinifikanti ħafna jew nuqqasijiet identifikati f'tali fergħa.
59. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 41 tad-Direttiva 2013/36/UE, is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom jikkoordinaw l-applikazzjoni tal-miżuri superviżorji u tal-miżuri prekawżjonarji meħuda b'rabta mal-fergħa sinifikanti ħafna, fi ħdan il-qafas tal-kulleġġi tas-superviżuri, b'kunsiderazzjoni b'mod partikolari ta' dan li ġej:
- it-tip tal-miżuri li għandhom jittieħdu;
  - il-mument meta saru l-miżuri u d-dewmien tagħhom;
  - il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri f'termini tal-iskoperturi kkonċernati jew tal-governanza jew kwalunkwe kwistjoni rilevanti oħra, jew individwi, jekk dawn jiġu indirizzati lill-individwi; u
  - rabtiet mas-sejbiet superviżorji enfasizzati fil-valutazzjoni tar-riskju tal-fergħa.
60. Is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom jinformatu regolarment lil xulxin dwar kwalunkwe miżura makroprudenzjali, jew kwalunkwe miżura oħra applikata lill-istituzzjonijiet jew lill-fergħat bl-għan li tiġi salvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja, li tista' tkun rilevanti għall-istituzzjoni jew għall-fergħa sinifikanti ħafna.
61. Is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom iqisu l-informazzjoni dwar miżuri makroprudenzjali riċevuti skont il-paragrafu preċedenti bl-għan li jieħdu deċiżjoni dwar jekk il-miżuri għandhomx jiġu estiżi għall-istituzzjoni kollha skont id-dispożizzjonijiet dwar reċiproċità volontarja għal miżuri makroprudenzjali stabbiliti mill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS)<sup>8</sup>.
62. Meta jiddeċiedu dwar miżuri makroprudenzjali reċiprokanti applikati fi Stat Membru ospitanti lil istituzzjoni li topera permezz ta' fergħa, is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom iqisu wkoll dan li ġej:
- it-tip, il-kamp ta' applikazzjoni u n-natura tal-miżuri makroprudenzjali, u jekk humiex "Miżuri tat-tip tal-Pilastru 1" (eż. bidliet fil-piżijiet tar-riskju skont l-Artikolu 124 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013) jew "Miżuri tat-tip tal-Pilastru 2"

---

<sup>8</sup> Ara r-Rakkomandazzjoni tal-BERS dwar il-valutazzjoni ta' effetti transkonfinali ta' u r-reċiproċità volontarja għall-miżuri ta' politika makroprudenzjali (BERS/2015/2).

(eż. limitu minimu għall-ponderazzjoni tar-riskju applikat skont l-Artikolu 103 tad-Direttiva 2013/36/UE);

- b. il-kamp ta' applikazzjoni u n-natura tal-operazzjonijiet tal-fergħa, u b'mod partikolari jekk l-operazzjonijiet jew l-iskoperturi tagħha kinux ser jiġu affettwati mill-miżura makroprudenzjali, li kieku l-operazzjonijiet jew l-iskoperturi kellhom jitwettqu minn istituzzjoni meta kienet qiegħda topera fl-Istat Membru ospitanti permezz ta' sussidjarja minflok fergħa;
- c. il-qafas makroprudenzjali u kwalunkwe miżura makroprudenzjali eżistenti fl-Istat Membru tad-domiċilju li huma applikabbli għall-istituzzjoni (u għalhekk għall-fergħat tagħha), u jekk dawn humiex immirati biex jindirizzaw l-istess riskju bħall-miżuri applikati mill-awtorità kompetenti ospitanti;
- d. ir-rakkomandazzjonijiet tal-BERS li jstabbilixxu standards minimi għar-riċiproċità fi kwistjonijiet makroprudenzjali<sup>9</sup>

## 5.6 Qafas tal-komunikazzjoni għal fergħa sinifikanti ħafna

63. Is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw li l-messaġġi kkomunikati lill-istituzzjoni jew lill-grupp li jikkonċernaw il-fergħa huma konsistenti. Għal dan il-għan, is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet tad-domiċilju u ospitanti għandhom jiżguraw li jkunu kkonsultaw lil xulxin qabel joħorġu kwalunkwe forma ta' komunikazzjoni formali lill-grupp jew lill-istituzzjoni li jappartjenu għall-fergħa.
64. Meta tikkomunika mal-fergħa sinifikanti ħafna, u b'mod partikolari meta titlob informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħha skont il-leġiżlazzjoni applikabbli, inklużi dawn il-linji gwida, l-awtorità kompetenti ospitanti għandha tinforma u tikkoordina kif xieraq mas-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju.
65. Bħala minimu, is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom jorganizzaw laqgħa annwali konġunta mal-maniġment tal-fergħa, li fejn possibbli, għaliha jattendu wkoll ir-rappreżentanti tal-maniġment superjuri tal-istituzzjoni, biex jiddiskutu dan li ġej:
  - a. il-prestazzjoni finanzjarja tal-fergħa fi tmiem is-sena u kwalunkwe tbassir għall-prestazzjoni tal-fergħa f'terminu medju;

---

<sup>9</sup> Ibid.

- b. l-istrategġija tan-negozju tal-fergħa u kif il-fergħa ser tikkontribwixxi għal u timplimenta l-istrategġija tal-istituzzjoni;
  - c. l-attivitajiet ewlenin tal-fergħa u r-riskji rilevanti tagħha; u
  - d. is-sejbiet superviżorji li jikkonċernaw l-operazzjonijiet tal-fergħa u l-azzjonijiet meħuda jew li għandhom jittieħdu mill-istituzzjoni biex jiġu solvuti l-kwistjonijiet rilevanti.
66. Jekk is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju jew ospitanti ma jkunux kapaċi jipparteċipaw f'din il-laqqgħa konġunta, l-awtoritajiet rilevanti għandhom jinformat lill-oħrajn kif xieraq, u l-awtoritajiet għandhom jaqsmu l-konklużjonijiet tal-laqqgħat u jiddiskutu kwalunkwe azzjoni ta' segwitu.
67. Is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom jaqblu dwar il-forma u l-frekwenza tal-laqqgħat konġunti mal-maniġment superjuri tal-istituzzjoni biex jiddiskutu kwistjonijiet li huma rilevanti b'mod aktar speċifiku għall-fergħa sinifikanti ħafna jew kwistjonijiet li jistgħu potenzjalment jaffettwaw il-fergħa.
68. Dawn il-laqqgħat konġunti mal-istituzzjoni u mal-maniġment tal-fergħa għandhom ikunu riflessi kif xieraq fl-SEP tal-kulleġġ.

## 5.7 Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet tad-domiċilju u ospitanti fil-valutazzjoni tal-pjan ta' rkupru

69. Fi ħdan il-proċess għall-valutazzjoni tal-pjan ta' rkupru skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2014/59/UE jew il-proċess għall-valutazzjoni tal-pjan ta' rkupru tal-grupp skont l-Artikolu 8(1) ta' dik id-Direttiva, u anke b'kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti tar-*Rakkomandazzjoni dwar il-kopertura tal-entitajiet fil-pjan ta' rkupru tal-grupp*<sup>10</sup> tal-EBA, is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom jikkonsultaw mal-awtorità kompetenti ospitanti ta' ferġat sinifikanti skont l-Artikoli 6(2) u 8(1) tad-Direttiva 2014/59/UE.
70. Biex jiffaċilitaw din il-konsultazzjoni, is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom jaqsmu l-pjan ta' rkupru tal-grupp jew il-pjan tal-istituzzjoni, rispettivament, mal-awtorità kompetenti ospitanti skont l-iskeda ta' żmien stabbilita fil-kulleġġ tas-superviżuri għall-valutazzjoni tal-pjan ta' rkupru u deċiżjoni konġunta dwar il-valutazzjoni tal-pjan ta' rkupru tal-grupp. Barra minn hekk, is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom ifittxu kontribut mill-awtorità kompetenti ospitanti tal-

---

<sup>10</sup> EBA/Rec/2017/02

fergħa sinifikanti ħafna biex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-pjan ta' rkupru tal-grupp jew tal-pjan ta' rkupru tal-istituzzjoni.

71. L-awtorità kompetenti ospitanti għandha tipprovdi l-kontribut tagħha għall-valutazzjoni tal-pjan ta' rkupru tal-grupp jew il-pjan ta' rkupru tal-istituzzjoni fi żmien l-iskeda ta' żmien stabbilita mill-kulleġġ tas-superviżuri. Dan il-kontribut jista' jieħu l-forma ta' kummenti ġenerali dwar il-pjan. Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti ospitanti għandha tipprovdi kummenti dwar il-partijiet tal-pjan relatati mal-fergħa sinifikanti ħafna jew kummenti li jikkonċernaw l-ommissjonijiet li jaffettwaw il-kopertura tal-fergħa b'kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti tar-Rakkomandazzjoni dwar il-kopertura tal-entitajiet fil-pjan ta' rkupru tal-grupp<sup>11</sup> tal-EBA. L-awtorità kompetenti ospitanti għandha tinforma wkoll lis-superviżur konsolidanti u lill-awtorità kompetenti tad-domiċilju dwar kwalunkwe aspekt ta' ppjanar ta' rkupru rilevanti għall-fergħa.
72. Il-kontribut mill-awtorità kompetenti ospitanti għas-superviżur konsolidanti jew għall-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja, b'kunsiderazzjoni ta' jekk il-fergħa tkunx ġiet iddeterminata bħala sinifikanti ħafna minħabba l-importanza tagħha għall-grupp jew għall-istituzzjoni, jew minħabba li hija sistematikament importanti fl-Istat Membru ospitanti:
- valutazzjoni ta' kif l-istituzzjoni jew il-grupp ikunu wettqu l-analiżi ta' funzjonijiet kritiċi u linji ta' negozju ewlenin b'referenza għal deskrizzjoni tal-fergħa sinifikanti ħafna u l-immappjar ta' funzjonijiet kritiċi u linji ta' negozju ewlenin għal dik il-fergħa;
  - opinjoni dwar l-istrateġija tal-istituzzjoni jew tal-grupp dwar u approċċ lejn il-fergħa sinifikanti ħafna u analiżi tal-interkonnnettività ġuridika u operazzjonali, kif ukoll ta' arranġamenti eżistenti, b'mod partikolari li jirriżultaw mill-kundizzjonijiet indikati mill-awtorità kompetenti ospitanti fl-interess tal-benessri ġenerali;
  - deskrizzjoni tal-attivitajiet u tas-servizzi ewlenin ipprovduti mill-fergħa sinifikanti ħafna;
  - analiżi ta' kif u meta l-fergħa sinifikanti ħafna tisa' tapplika, taħt il-kundizzjonijiet deskritti fil-pjan, għall-użu ta' faċilitajiet tal-bank ċentrali, kif ukoll tal-assi li huma mistennija li jikkwalifikaw bħala kollateral;
  - valutazzjoni tal-kredibbiltà tal-għażliet ta' rkupru, proċeduri ta' governanza/eskalanti, xenarji u indikaturi dwar il-fergħa sinifikanti ħafna, pereżempju jekk jitqies li din tagħmnel parti mill-iżvestment jew minn għażliet ta' rkupru oħrajn assunti mill-istituzzjoni jew mill-grupp;

---

<sup>11</sup> Ibid

- f. informazzjoni dwar riskji materjali li l-fergħa sinifikanti ħafna tista' tikkawża għall-istituzzjoni jew id-dipendenzi li l-istituzzjoni jista' jkollha fuq il-fergħa, jew fuq ir-riskji jew id-dipendenzi bejn il-fergħa u l-parteciċipanti tas-suq lokali;
  - g. valutazzjoni ġenerali tal-livell sa fejn il-pjan ta' rkupru tal-grupp jew il-pjan tal-istituzzjoni jkopru b'mod adegwat il-fergħa sinifikanti ħafna;
  - h. informazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni oħra rilevanti għall-valutazzjoni tal-kompletezza, il-kwalità u l-kredibbiltà ġenerali tal-pjan.
73. Is-superviżur konsolidanti u l-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom iħejju l-valutazzjoni ġenerali tal-pjan ta' rkupru tal-grupp jew il-pjan ta' rkupru tal-istituzzjoni skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1075, li jirriflettu l-kontribut riċevut mill-awtorità kompetenti ospitanti skont il-paragrafu 72. Is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom jibqgħu jikkonsultaw dwar ir-rapport ta' valutazzjoni ġenerali mal-awtorità kompetenti ospitanti.
74. Is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom ifittxu li jiżguraw li d-diskussjonijiet, il-konsultazzjonijiet u d-deliberazzjonijiet kollha dwar il-valutazzjoni tal-pjan ta' rkupru (tal-grupp) iqisu bis-sħiħ l-iskeda ta' żmien għall-valutazzjoni ta' dak il-pjan stabbilit fi ħdan il-kuntest tal-kulleġġ.
75. Meta n-nuqqasijiet jew l-impedimenti materjali identifikati fi-pjan ikunu jirrelataw mal-fergħa sinifikanti ħafna, tali nuqqasijiet u impedimenti għandhom ikunu riflessi kif xieraq fil-proċess ta' valutazzjoni tal-pjan ta' rkupru (tal-grupp), inkluż fid-deċiżjoni konġunta pertinenti. Kwalunkwe komunikazzjoni mal-istituzzjoni jew mal-fergħa (prinċipali tal-UE) dwar dawn il-kwistjonijiet għandha tiġi kkoordinata kif xieraq bejn is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti fi ħdan il-qafas operazzjonali tal-kulleġġ.

## 5.8 Allokazzjoni tal-kompiti fost l-awtoritajiet kompetenti

76. Is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom jiżguraw li l-qafas operazzjonali tal-kulleġġ tas-superviżuri mhux biss jippermetti iżda wkoll jikseb allokkazzjoni effiċjenti u effettiva tal-kompiti fost l-awtoritajiet kollha involuti fis-superviżjoni ta' fergħa sinifikanti ħafna skont dawn il-linji gwida.
77. Għal dak il-għan, is-superviżur konsolidanti jew l-awtorità kompetenti tad-domiċilju għandhom jivvalutaw regolarment jekk allokkazzjoni effiċjenti u effettiva ta' kompitu li tippermetti superviżjoni tal-fergħa sinifikanti ħafna skont dawn il-linji gwida inkisbitx u, jekk le, jipproponu titjib għall-qafas operazzjonali tal-kulleġġ permezz ta' emenda fl-arranġamenti bil-miktub jew fl-SEP tal-kulleġġ.

78. Il-mekkaniżmu ta' allokkazzjoni tal-kompitu stabbilit fil-qafas operazzjonali tal-kulleġġ għandu jittqies effiċjenti u effettiv meta jilħaq l-għanijiet li ġejjin:
- jevita duplikazzjoni mhux meħtieġa ta' kompiti, jottimizza riżorsi superviżorji, juża l-intelliġenza u l-għarfien espert kollu disponibbli, u jneħħi piżijiet mhux meħtieġa minn fuq l-istituzzjonijiet sorveljati;
  - jirrifletti l-għarfien espert superviżorju f'termini ta' ħiliet tekniċi jew għarfien tas-suq lokali, filwaqt li jiżgura li kull awtorità kompetenti twettaq il-kompiti li hija tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex twettaqhom;
  - jirrifletti l-mod li bih entità sorveljata li topera fuq bażi transkonfinali permezz ta' ferġĥat sinifikanti ħafna hija organizzata u proporzjonata għan-natura, id-daqs u l-komplessità tal-entità sorveljata kkonċernata;
  - Ikun adattat għas-superviżjoni ta' istituzzjoni b'kunsiderazzjoni tal-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar (jiġifieri ċ-ċentralizzazzjoni/deċentralizzazzjoni) u f'termini tal-organizzazzjoni tal-linji ta' negozju tiegħu.
79. Is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom jaqblu dwar it-termini tal-allokkazzjoni tal-kompitu u jirriflettuhom kif xieraq fl-arranġamenti ta' koordinazzjoni u ta' kooperazzjoni bil-miktub. Il-kulleġġ għandu jiġi informat kif xieraq bl-eżistenza u, fejn rilevanti, l-eżitu tal-arranġamenti tal-allokkazzjoni.
80. Meta fost l-awtoritajiet ikun hemm opinjonijiet kuntrarji dwar il-mekkaniżmu ta' allokkazzjoni tal-kompitu u jiġi evitat ftehim, l-awtoritajiet għandhom jippreżentaw talba lill-EBA kif imsemmi fl-Artikolu 31(c) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 flimkien mal-informazzjoni kollha neċessarja għall-EBA biex tiffirma opinjoni dwar il-kwistjonijiet ikkontestati u tassisti lill-awtoritajiet biex jaslu għal konklużjoni komuni. L-awtoritajiet kompetenti kollha involuti għandhom iqisu l-opinjoni tal-EBA u jsoolvu l-kwistjoni kif xieraq.
81. Bħala minimu, dawn it-termini għandhom jagħtu dettalji dwar dan li ġej:
- l-attivitajiet speċifiċi li għandhom jiġu allokkati lil kull awtorità;
  - il-qafas legali applikabbli rilevanti;
  - ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet involuti, speċjalment meta l-allokkazzjoni tal-kompitu tkun differenti mill-allokkazzjoni tal-kompitu skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36/UE wara ftehim dwar id-delegazzjoni tal-kompiti;
  - it-tip ta' informazzjoni li għandha tiġi skambjata fost is-superviżuri għat-twettiq tal-kompiti;

- e. il-lingwa, il-frekwenza u l-mezzi/forma tal-informazzjoni li għandha tiġi skambjata;
  - f. l-istandards li skonthom għandhom jitwettqu l-kompiti;
  - g. feedback, pariri jew istruzzjonijiet possibbli minn awtorità għall-oħra;
  - h. il-metodi ta' ħidma li għandhom jintużaw;
  - i. aċċess għad-dokumentazzjoni prodotta wara kompitu li jkun ġie allokati ikun intlaħaq;
  - j. l-iskeda ta' żmien għat-tlestija tal-kompiti allokati;
  - k. it-termini li taħthom l-awtorità li lilha jkun ġie allokati kompitu huma li tirrapporta lill-kulleġġ; u
  - l. it-termini li taħthom tista' ssejtn terminazzjoni bikrija ta' kwalunkwe allokazzjoni tal-kompitu.
82. Is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom jinformaw lill-istituzzjoni u lill-fergħa sinifikanti ħafna dwar l-allokazzjoni tal-kompitu skont il-qafas ta' komunikazzjoni tal-kulleġġ.
83. Bl-għan li jstabbilixxu l-aktar allokazzjoni tal-kompitu effiċjenti, is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti għandhom jeżaminaw il-fattibbiltà ġuridika u operazzjonali tad-delegazzjoni tal-kompiti, fejn dan ikun permess mil-leġiżlazzjoni tal-UE jew dik nazzjonali, bl-għan li dan jiġi stabbilit bħala mekkaniżmu ta' allokazzjoni tal-kompitu. L-eżaminazzjoni tal-fattibbiltà ġuridika u operazzjonali tad-delegazzjoni għandha ssir fuq bażi volontarja u skont il-kompitu mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi u r-responsabbiltajiet allokati lill-awtoritajiet nazzjonali jew lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni.
84. Kwalunkwe delegazzjoni tal-kompiti fuq bażi volontarja għandha tkun konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali u jkun hemm ftehim sħiħ dwarha fost l-awtoritajiet involuti mill-inqas fir-rigward tal-elementi msemmija fil-paragrafu 81 u kwalunkwe element ieħor meħtieġ biex jiġi stabbilit mekkaniżmu legalment sikur u kompletament operazzjonali għall-allokazzjoni tal-kompitu.
85. Is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tad-domiċilju u ospitanti involuti fis-superviżjoni ta' fergħa sinifikanti ħafna għandhom jiddeterminaw l-aħjar allokazzjoni tal-kompiti possibbli fi ħdan il-qafas tal-kulleġġ skont il-paragrafi preċedenti anke, u b'mod partikolari, meta delegazzjoni xierqa ma titqies bħala legalment u operazzjonalment fattibbli.